**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAGISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Illum,   14 ta' Frar 2018

Rikors Numru 370/2017 GM

Fl-atti tal-ittra ufficcjali numru 4770/2010 fl-ismijiet:

J. Lautier Co. Limited (C5875)

Vs

Eleno Caruana ID 725562M

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' J. Lautier Co. Limited (C 5875) ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2017, u konfermat bil-ġurament ta' Patricia Hili, debitament awtorizzata, li jaqra hekk:

Illi permezz tal-ittra ufficcjali is-socjeta esponenti hija l-kreditrici tal-intimat ta' sitt elef erbgha u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€6094.46) u dan stante l-ittra ufficjali odjerna mahruga ai termini tal-artikolu 253(e) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra ma gietx ikkontestata mill-intimat (liema ittra u kambjali huma mmarkati bhala dok A).

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors, l-espenenti ssottomettew talba gharravvivament tal-ittra ufficjali numru 733/2012 ghall-ammont ta' hamest elef, sitt mija erbgha u erbghin ewro u tlettax il-centezmu kif hemm indikat stante kambjali mhux onorati. Illi b'hekk is-socjeta espoenenti hija l-kreditrici tall-intimat fl-ammont komplessiv ta' hdax il-elf seba mija, tmienja u tletin ewro, disgha u hamsin il-euro centezmi (€11,738.59).

Illi sal-gurnata tal-prezentata tar-rikors huwa naqa milli jonora l-obbligi tieghu naxxenti mill-imsemmija kambjali u b'hekk il-kreditu ghadu dovut fl-intier tieghu;

Illi tul dawn id-diversi snin, kemm l-esponenti kif wkoll l-intimat ddiskutew u sahansitra ftehmu dwar il-pagament tal-imsemmija kambjali u s-socjeta esponenti hadet pacenzja kbira minhabba il-qaghda finanzjarja tal-istess intimat. Illi madanakollu, sal- gurnata tal-prezentata tar-rikors ma immaterjalizza ebda pagament da parti tal-intimat u dan kif jirrizulta mid-dikjarazjoni guramentata hawn annessa u mmarkata dok JL1.

Illi sfortunatament ghaddew aktar minn hames snin minn meta –istess kambjali setghu jigu esegwiti ai termini tal-ligi;

Ili is-socjeta esponenti tirrileva illi hija ghad ghandha interess illi tesegwixxi tali kambjali;

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti illi jigu ravvivati id-drittijiet tas-socjeta' esponenti kontra l-intimat, ai termini tal-artikolu 258 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'hekk il-kreditu jerga jsir esekuttiv skond il-ligi u jkun jista jigi esegwit kontra l-intimat, dan taht dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jogoghbha timponi.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta` rikorrenti rabtet espressament l-azzjoni tagħha mal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li fil-parti tiegħu rilevanti għal dan il-proċediment jaqra hekk:

"Wara l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragraf(u)… (*e*) tal-artikolu 253… seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."

L-imsemi Artiklu 253 jgħid *inter alia* li "huma titoli eżekuttivi… (e) kambjali u *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ".

Illi l-imsemmi artikolu 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258;

Illi l-Qorti tirrileva illi l-indagini ta' din il-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta huma

limitati. Kif inghad fil-kawza **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et** deciza fit-18 ta' April, 2002 (Onor. Imħallef Raymond C. Pace):

"llIi minn dan jidher li l-uniku ezami Ii ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar I-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li I-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh.

"Illi fil-fatt tant huwa minnu dan li huwa biss ai termini tal-Artikolu 259(4) f'kaz ta' proceduri da parte tal-eredi, successuri jew cessjonarji tal-kredituri, li l-ligi tehtieg li listess rikors jigi notifkat lid-debitur jew lill-eredi, cessjonarji jew successuri tieghu, u dan allura jikkonferma it-tezi li f'dan il-kaz, li ma jaqax taht l-Artikolu 259 (4) appena citat, l-unika ezami li trid taghmel l-istess Qorti hija biss li tara lezistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li r-rikorrenti Cit Nru: 2694/99/RCP. 18 ta' April 2002 (RCP). 10 jikkonferma bil-gurmanent li d-debitu jew parti minnu ghadu dovut."

Illi kif jgħallem l-gharef imħallef Philip Sciberras:

"Illi huwa evidenti illi f' kawza ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-gdid tal-kreditu tieghu izda biss awtorizzazzjoni biex jezegwixxi titolu ezekuttiv gja kanonizzat bis-sentenza precedenti. F'dan is-sens hi d-decizjoni fl-ismijiet **John Portelli *nomine* -vs- Henry Azzopardi *proprio et nomine***, Appell, 29 ta' Mejju 1997."[1]

Ikkunsidrat:

Mill-ezami ta' l-atti processwali l-Qorti hi sodisfatta li f' dan il-kaz:

(1) permezz tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, li saret biex tirrendi ezekuttivi l-kambjali ivi msemmija u dan a termini tal-Art. 253(e) tal-Kap 12, is-socjeta` rikorrenti ottjeniet titolu eżekuttiv għas-somma ta' €6,094.46 fil-konfront tal-intimat, liema debitu huwa rikonoxxut minn kambjali; u kontestwalment ma' din il-proċedura, l-esponenti ssottomettew ukoll talba għar-ravvivament tal-ittra uffiċċjali numru 733/2012 kif hemm indikat stante kambjali mhux onorati. Illi b'hekk is-soċjeta` Lautier Co. Limited hija kreditriċi tal-intimat fis-somma ta' €11,738.59;

(2) l-ittra uffiċjali giew notifikati lill-intimat;

(3) ghaddew aktar minn hames snin, minn meta t-titolu eżekuttiv seta' jigi esegwit;

(4) ġie kkonfermat bil-gurament minn Joseph Lautier rappreżentant tas-soċjeta` rikorrenti x-xorta tad-dejn jew tat-talba li qed tintalab l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn għadu dovut (fol 7);

---

[1] Pace George v Gauci Charles 24.11.2004 PA[PS]

Illi fid-dawl ta' dak kollu li jissemma qabel, il-Qorti ssib li r-rikorrent seħħlu juri li jeżistu l-kundizzjonijiet kollha maħsuba mil-liġi biex it-talba tiegħu tista' tintlaqa';

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-Rikors u qiegħda fit-termini tal-Art. 258 tal-Kap 12, tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li s-soċjeta` rikorrenti kienet ottjeniet fil-konfront tal-intimat in virtù tal-ittri uffiċjali fuq indikati.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat.

Maġ. Grazio Mercieca